MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru. 308/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**GRAZIA VELLA bint Vittorio Said u Theresa nee' Cini, imwielda fit-tlettax (13) ta' Marzu, 1911 u residenti 60, Triq it-Tabib J. Zammit, Balzan, Malta, detentrici tal-karta tal-identita numru 20411(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **GRAZIA VELLA** bint Vittorio Said u Theresa nee' Cini, imwielda fit-tlettax (13) ta' Marzu, 1911 u residenti 60, Triq it-Tabib J. Zammit, Balzan, Malta, detentrici tal-karta tal-identita numru 20411(G) giet mressaqa quddiemha u akkuzata talli f'dawn l-ahhar xhur f'Ghawdex bhala s-sid ta' Barumbara li tinsab fl-inhawi

‘Tal-Bjar’ limiti taz-Zebbug, Ghawdex halliet wara li giet imwissija mill-pulizija din l-istruttura tal-Barumbara fi stat ta’ tigrif jew ta’ periklu ghan-nies, jew hwejjeg haddiehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom s-site plan u ritratti esibitia mill-Perit Gwido Vella u l-intimation form dokument PS kif wkoll r-rapport tal-Perit Carmelo Borg dokument CB.

Semghet x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Marlene Coleiro u lil Perit Carmelo Borg.

Ikkunsidrat:

**Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, wara li rat l-artikolu 25 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lil imputata GRAZIA VELLA hatja tal-akkuza kif migjuba kontra taghha, u tikkundannaha ghal hlas ta’ multa ta’ hmistax il- lira maltin [LM15].**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------